

## DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 72/2015

tal-20 ta' Marzu 2015

li temenda l-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE, dwar il-kooperazzjoni foqasma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet [2016/755]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikoli 86 u 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Jixraq li l-kooperazzjoni bejn il-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim taż-ŻEE tiġi estiża biex tinkludi r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 723/2009 tal-25 ta' Ġunju 2009 dwar il-qafas ġuridiku Komunitarju applikabbli għal Konsorzju għal Infrastruttura Ewropea ta' Riċerka (ERIC) <sup>(1)</sup>.
- (2) Jixraq li l-kooperazzjoni bejn il-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim taż-ŻEE tiġi estiża biex tinkludi r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1261/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 723/2009 dwar il-qafas ġuridiku Komunitarju applikabbli għal Konsorzju għal Infrastruttura Ewropea ta' Riċerka (ERIC) <sup>(2)</sup>.
- (3) Il-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE għandu għalhekk jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-paragrafu segwenti jiddaħħal wara l-paragrafu 11 tal-Artikolu 1 tal-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE:

"12. (a) Il-Partijiet Kontraenti għandhom ifittxu li jsaħħu l-kooperazzjoni fil-qafas tal-attivitajiet li jistgħu jirriżultaw mill-att tal-Komunità segwenti:

— **32009 R 0723**: Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 723/2009 tal-25 ta' Ġunju 2009 dwar il-qafas ġuridiku Komunitarju applikabbli għal Konsorzju għal Infrastruttura Ewropea ta' Riċerka (ERIC) (ĠU L 206, 8.8.2009, p. 1) kif emendat bi:

— **32013 R 1261**: Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1261/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 (ĠU L 326, 6.12.2013, p. 1).

(b) L-Artikolu 5(1)(d) tar-Regolament (KE) Nru 723/2009 jirreferi għad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KEE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud u għad-Direttiva tal-Kunsill 92/12/KEE tal-25 ta' Frar 1992 dwar l-arranġamenti ġenerali għall-prodotti soġġetti għad-dazju tas-sisa u dwar iż-żamma, ċaqliq u mmonitorjar ta' dawn it-tip ta' prodotti, li mhumiex inkorporati fil-Ftehim. Għalhekk, dawn ir-referenzi jkunu rilevanti biss fl-applikazzjoni tal-Artikolu 5(1)(d) u ma jippreġudikawx il-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim.

(c) L-Istati tal-EFTA għandhom jipparteċipaw bis-sħiħ, mingħajr id-dritt tal-vot, fil-kumitati kollha tal-Komunità li jgħinu lill-Kummissjoni Ewropea fil-ġestjoni, fl-iżvilupp u fl-implimentazzjoni tal-attivitajiet imsemmija f'(a)."

<sup>(1)</sup> ĠU L 206, 8.8.2009, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 326, 6.12.2013, p. 1.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ l-għada tal-aħħar notifika skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (\*).

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Marzu 2015.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Gianluca GRIPPA

---

(\*) Ir-rekwiżiti kostituzzjonali huma indikati.